**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)

Vs

Margaret Rose Borg

Illum 23 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti :-

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Margaret Rose Borg, bint Joseph Frendo u Antonia Frendo nee' Magro, imwieled Malta fit-2 ta' Settembru, 1945 u residenti Portomaso, 1082, Vjal Portomaso, San Giljan u detentrici ta' l-Karta ta' l-Identita' bin-numru 744245 M.

L-imputata giet akkuzata talli fl-20 ta' Lulju, 2017, għal ħabta ta' 12,30 hrs fi Triq il-Kbira, Mosta, saqet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MBG 001;

1. U meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ta' t-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Monika Zammit, skont kif iccertifika Dr. Alec Mifsud M.D. mill-Mosta Health Centre;
2. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' r-regolamenti ta' t-traffiku, ħabtet ma' vettura numru KBN 234 u involontarjament ikkagunat ħsara għad dannu ta' Monika Zammit;
3. U kif ukoll naqset li tagħti l-precedenza lil vettura

oħra bin-numru ta’ registrazzjoni KBN 234 li kienet qed tagħmel uzu minn roundabout;

4. U aktar talli saqet l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;
5. U talli saqet l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti ezebiti fosthom il-Full Road Traffic Accident Report, l-isketch maghmul minn WPS 224 S. Mifsud, ic-certifikat mediku ta’ Monika Zammit fejn giet iccertifikata minn Dr. Alec Mifsud li kienet qed isofri minn grieħi ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet, rat iz-zewg affidavits maghmula minn WPS 224 Susanne Mifsud.

Rat ukoll li Dr. Joseph Giglio għal imputata minghajr pregudizzju kien qed jaccetta li l-grieħi sofferti minn Monika Zammit kienu ta’ natura hafifa.

Il-Prosekuzzjoni ezebit referta negattiva ta’ Monika Zammit li giet ipprezentata bħala Dok. MZ.

F’dan l-istadju il-Prosekuzzjoni immexxija mill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi talbet differiment ta’ l-udjenza.

Billi dawn huma proceduri sommarji u għaldaqstant il-provi ghandhom jingiebu kollha fl-istess seduta, il-Qorti cahdet it-talba.

Il-Prosekuzzjoni ma kellhiex iktar provi x’tipproduci.

Id-difiza ma kellhiex provi x’tipproduci.

Stante nuqqas ta’ provi, l-imputata giet illiberata minn kull ħtija u piena.

DR. YANA MICALLEF STAFRACE
MAGISTRAT